MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru 1/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Marco Vella**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fid-9 ta' Jannar 2009 kontra l-imsemmi Marco Vella li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) recidiv f'delitt, dolozament, bil-hsieb li joqtol

persuna jew li jqiegħed il-hajja taghha f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta’ omicidju volontarju, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta`tieghu; (2) recidiv f’delitt, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu f’idejh jew fuqu sikkina, ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta; (3) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta’ Jannar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih, bi tmien (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabu lill-imsemmi Marco Vella mhux hati skond l-ewwel Kap tal-Att ta’ Akkuza izda hati li kkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Raymond Farrugia, liema offiza ppenetrat kavita` tal-gisem u dana b’arma regolari jew bi strument li jaqta’ jew iniggez, u b’vot unanimu sabuh hati skond it-Tieni u t-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, iddikjarat lill-istess Marco Vella, hati bhala recidiv u
(1) mhux hati skond l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza li fil-15 ta’ Awwissu 2003 ghall-habta tas-siegha ta’ filghodu, gewwa Hal-Balzan, dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’perikolu car, wera dan il-hsieb b’fatti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta’ omicidju volontarju, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, izda hati li, fl-istess dati u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Raymond Farrugia, liema offiza ppenetrat kavita` tal-gisem u dana b’arma regolari jew bi strument li jaqta’ jew iniggez u dana fir-rigward tal-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, liema reat huwa kompriz u involut
f’dan l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza;

(2) hati talli, fil-15 ta’Awissu 2003, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal- Pulizija, kellu f’idejh jew fuqu sikkina, ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil- ponta jew strument iehor bil-ponta, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

(3) hati talli, fil-15 ta' Awissu 2003, gewwa Hal-Balzan, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 7 (b), 12, 17(h), 216(1)(e), 217, 338(dd), 23, 30, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap 9) kif ukoll l-artikolu 13(1) tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66), ikkundannat lill-hati Marco Vella ghall-piena ta' erba' snin prigunerija, b'dana li minn dan il-perijodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn ir-reati biss u kkundannatu wkoll ghall-hlas ta' multa ta' €60. Ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9, l-ewwel Qorti ma kkundannatx lill-hati ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' l-esperti minhabba li dawn l-esperti tqabbdu matul l-inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar 2006. L-ewwel Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti kull ghajnuna medika li ghandu bzonn Marco Vella. Jekk jista' jkun ikollu wkoll l-attenzjoni ta' *social worker* jew ta' kwalunkwe ufficjal iehor mill-ufficju tal-Probation Services mhux taht ordni ta' *probation* imma biex l-istess Marco Vella jkun jista' jithejja tajjeb ghal meta jhalli l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti, u ezaminata mid-difiza, semghet ix-xiehda ta' Dolores Ebejer, omm il-hati, qieset is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur Dr. Roberto Montalto u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

**"Rat l-ewwelnett illi r-reat taht it-Tielet Kap ghall-fini tal-piena ghandu jigi assorbit fir-reat taht l-Ewwel Kap imsemmi fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**"Fil-qosor, l-abbli difensur issottometta li skond l-artikolu 217 il-piena hija bejn hames xhur u sa erba' snin. Illi f'dan il-kaz ma nstabx li kien hemm l-intenzjoni ta' omicidju da parti tal-hati u l-gustizzja ghandha ssir skond il-kaz. Huwa prattikament dejjem attenda ghas-seduti matul il-kumpilazzjoni u ghalhekk**

**huwa ma ghandu ebda htija fit-trapass taz-zmien li ilu ghaddej mis-sena 2003. Il-vittma f'dan il-kaz xehed fl-2007 u waqt li kien qed jixhed qal li ma kellux interess f'dan il-kaz. Il-vittma qal ukoll li huma kienu baqghu hbieb. L-abbli avukat difensur kompla jissottometti li (a) kienet offiza wahda li dahlet fil-kavita` indikata mil-Ligi u (b) li wara ezami akkurat tal-Fedina Penali tal-hati rrizulta li ghalkemm il-hati kien diga` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, jidher li qatt ma kellu c-cans li jkun taht Probation Officer biex ikun jista' jmexxih u jghinu. Waqt li d-difiza rreferiet ghal kazi simili fejn il-Qorti Kriminali kkundannat lill-persuni ohrajn ghal piena karcerarja sospiza, hija eskludiet l-applikazzjoni tas-sentenza sospiza f'dan il-kaz minhabba li l-hati huwa recidiv. Izda hija stiednet lill-Qorti tikkonsidra sentenza ta' Probation fit-tul galadarba jidher li l-hati qatt ma nghata dana c-cans kif ukoll ghaliex jidher li mis-senav2003 sa llum jidher li tista' tghid wera titjib kbir fl-imgieba tieghu. Kien propju dan il-kaz li gabu f'sensih.**

**"Il-Prosekuzzjoni rreferiet ghac-cirkostanzi tal-kaz u rreferiet ghal decizjonijiet tal-Qorti Kriminali jew tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fejn kien gie deciz li fejn jintuzaw armi bil-ponta, allura l-piena ghandha tkun ta' piena karcerarja effettiva. Hija qalet ukoll li Probation Order mhix sufficjenti f'dan il-kaz, li l-hati huwa recidiv u kien propju fil-mori tal-proceduri li l-hati waqaf milli jkompli fit-triq ta' qabel ghax kien jaf li jista' jitlef il-liberta` provizorja.**

**"Ikkonsidrat:**

**"Li l-Qorti tapprezza li llum il-gurnata, minkejja l-incident, xorta tezisti armonija bejn il-vittma u l-hati. Dan hu kif ghandu jkun ghaliex li tibqa' l-mibeghda hija l-aghar haga li jista' jigri.**

**"Il-Qorti tapprezza wkoll is-sagrificcju ta' omm il-hati. Din waslet f'eta` fejn ghandha bzonn tistrieh hi fuq binha li ghandu jsiervi ta' foreina. Minflok, qed tkun hi li tghin u tindokra lil binha sa fejn ituha sahhitha u l-**

**energija taghha. Hija ezempju haj ghal dawk il-genituri li qeghdin ipoggu lagenda personali taghhom qabel l-interessi ta' dawk li giebu fid-dinja. Il-*commitment* tal-genituri ghal uliedhom irid jibqa' sal-mument meta l-genituri jinzlu fil-qabar.**

**"Ghalhekk din is-shaba m'ghandhiex 'silver lining' wiehed izda tnejn.**

**"Biss teknikament hawn si tratta ta' proceduri ex ufficio u l-Qorti trid timxi ma' dak li tipprovdi l-Ligi u ma tistax ticcaqlaq minnu.**

**"Il-Qorti ser tqis ukoll il-kwistjoni tad-dewmien. Fuq dan il-punt id-difiza ser tinghata ragun. Din il-problema qed tqum mhux darba u tnejn. Hawn il-Qorti ser thares lejha b'mod prattiku.**

**"L-ewwelnett ikun hemm kawzi li qed jinqatghu malajr. Dan jista' jghidu biss min hu midhla sew tal-Qorti jew min ghamel xi studju dwar kemm idumu ghaddejin il-kawzi fuq bazi globali.**

**"Issa biex ikollok dik l-efficjenza li nixtiequ, in-numru tal-gudikanti jrid tal-anqas jirdoppja jekk irridu nzommu r-*ratios* bejn l-ghadd ta' gudikanti u popolazzjoni li hemm f'pajjizi l-aktar sinjuri tal-Ewropa. Dawn ghandhom *ratios* superjuri bil-bosta ghal taghna u xorta l-gudikanti ta' dawn il-pajjizi ghonja jkollhom diffikultajiet biex ilehhqu, ahseb u ara ahna. Dan il-punt kien diga` sar accenn ghalih f'wiehed mid-diskorsi li soltu jsiru fil-bidu tas-sena forensic meta kien inqara ezami komparattiv bejn id-diversi stati tal-Unjoni Ewropea. Issa biex jintlahaq dan il-livell, trid issib il-persuni addatati li jistghu jservu ta' gudikanti, l-i*staff* ta' mag.hom, u l-post fejn jistghu jahdmu – tliet elementi ibsin u li jiswew il-flus. Meta nigu ghal dan lahhar element, il-gustizzja trid tikkompeti ma' l-edukazzjoni, is-sahha, il-pensjonijiet, l-ghajnuniet socjali u l-infrastuttura. Ghal dak li huwa *personnel*, ma tantx issib persuni li lestu jippresjedu**

**fil-Qorti Kriminali. S'intendi min qed jistenna l-gustizzja, ihares lejn il-problema mod iehor.**

**"Min-naha l-ohra hija u tezamina l-kaz u tghixu fil-guri l-Qorti fliet ir-ritratti u l-kummenti tal-Espert Medikolegali. Rat ukoll li ntuzat arma bil-ponta li rrizultat f'diversi griehi wahda minnhom nifdet kavita` tal-gisem. Qieset ukoll il-vot ta' 8-1 tal-verdett dwar din l-offiza gravi u li ma nstabet ebda skuzanti ghal dan l-agir li kellu l-gheruq tieghu f'argument tassew hafif. Oltre dan, il-fedina penali ta' l-akkuzat mhix wahda nadifa."**

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Marco Vella pprezentat fil-11 ta' Frar 2011 fejn talab li din il-Qorti tirrifornma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tikkonferma kemm il-verdett tal-gurati kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali, tvarja l-piena nflitta; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-uniku aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis eccessiva. Huwa jghid li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti Kriminali stess fis-sentenza taghha, u tat-trapass taz-zmien mill-kommissjoni tar-reat, il-piena kienet wahda eccessiva stante li kienet kwazi fil-massimu taghha. Skont l-appellant, piena ta' erba' snin prigunerija ma tirrispekkjax u ma tikkonsidrax fatturi oggettivi li jippuntaw lejn l-applikazzjoni ta' piena alternattiva jekk wiehed jaghti l-piz misthoqq lejn l-element riformattiv tal-piena.

**7.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi l-piena hija entro l-parametri tal-ligi. Difatti l-piena dwar ir-reat li tieghu l-appellant instab hati taht l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza hi dik ta' prigunerija minn hames xhur sa erba' snin.[1] Peress illi l-appellant instab hati wkoll li huwa recidiv, il-piena tista' tizdied bi grad ghal prigunerija minn seba' xhur sa hames snin.[2]

---

[1] Artikolu 217 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
[2] Artikoli 50, 31(1)(b)(xii)(xi)(vii)(vi) *ibidem*.

**8.** Dwar it-trapass taz-zmien, jinghad fl-ewwel lok li dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali[3]. Jista' f'xi kazijiet jigi kkunsidrat ghall-fini ta' piena.[4] L-ewwel Qorti fil-fatt hadet in konsiderazzjoni dan il-fattur. Pero`, kif intqal minn din il-Qorti fis-sede inferjuri taghha fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et** moghtija fit-2 ta' Ottubru 2002:

**"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."**

**9.** Issa, mill-atti ma jirrizultax illi t-tul ta' zmien kien provokat *in toto* mill-appellant. Izda kif jidher almenu *prima facie* mill-fedina penali ta' l-appellant, l-appellant huwa pluri-recidiv. Barra minn hekk jirrizulta illi nstab hati hames darbiet dwar pussess ta' droga kontra l-ligi. Tliet sentenzi dwar pussess ta' eroina jirrisalu ghal 7 ta' Lulju 1995, 11 ta' Jannar 1996 u 8 ta' Ottubru 1999. Imbaghad aktar recenti sentenza dwar pussess ta' kokaina moghtija fil-5 ta' Gunju 2009 u ohra dwar pussess ta' eroina moghtija fis-27 ta' Settembru 2011 (li tirreferi ghall-21 ta' Settembru 2009). Jigifieri l-appellant ma helisx ghal kollox mill-problema tad-droga, ma zammx imbieghed mill-ksur tal-ligi minn meta sehh il-kaz hawn in ezami, u din il-Qorti tqis anke l-pussess ta' droga bhala reat serju.

**10.** L-appellant, permezz ta' rikors ipprezentat fit-8 ta' Lulju 2011, kien talab li din il-Qorti tordna li jithejja *pre-*

---

[3] Ara: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Attard** (24.7.2000) u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Attard u Angelo Attard** (24.7.2000).

[4] Ara, p. ez., Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Geoffrey Azzopardi** (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.

*sentencing report*. Din il-Qorti mhijiex tal-fehma li din it-talba ghandha tigi milqugha. L-ewwelnett ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellant milli jitlob li jsir tali rapport fl-istadju tal-kumpilazzjoni jew anke qabel ma gie ccelebrat il-guri. Barra minn hekk l-atti huma ben struwiti. Quddiem l-ewwel Qorti omm l-appellant xehdet u dik il-Qorti, kif jidher mis-sentenza appellata stess, fehmet ben tajjeb ic-cirkostanzi rizultanti mix-xiehda taghha, bhalma kkunsidrat ukoll il-fatt illi llum "tezisti armonija bejn il-vittma u l-hati". Ghalhekk it-talba kontenuta f'dak ir-rikors hija michuda.

**11.** Il-verita` hi li r-reat li tieghu nstab hati l-appellant huwa reat serjissimu li seta' kellu konsegwenzi aktar gravi. Din il-Qorti tissimpatizza ma' omm l-appellant li minhabba l-agir irresponsabbli tieghu kellha ssofri tant, izda dan kollu ma jistax jigi accettat bhala attenwant ghall-fini ta' piena. Kwantu ghall-htiega ta' kura medika jew ghajnuna ohra mehtiega biex, bhalma qalet sewwa l-ewwel Qorti, l-appellant ikun jista' jithejja tajjeb ghal meta jhalli l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, m'hemm xejn x'izomm milli dan jigi provdut skont il-htiega mill-awtoritajiet ta' dik il-Facilita`. Imbaghad, bhalma spiss gie ritenut minn din il-Qorti, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena ghandha bhala regola generali tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika.[5]

**12.** Ghal dak li jirrigwarda l-*quantum*, huwa evidenti li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi attenwanti u aggravanti kollha, u ghalhekk il-piena mhijiex *wrong in principle* jew *manifestly* excessive. Bhalma ntqal f'**Blackstone's Criminal Practice 2004**:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general**

[5] Ara p.ez. Appelli Kriminali: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Anthony Joseph Portelli et**, 3 ta' Frar 2005; **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi**, 30 ta' Lulju 2004.

**approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [6]

Din hija l-pozizzjoni li konsistentement hadet din il-Qorti. Ghalhekk ma tarax li hemm lok li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-*quantum* tal-piena karcerarja.

**13.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

---

[6] Page 1695, para. D23.45

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------